

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/579

tat-8 ta' April 2021

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/615 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet li jwasslu għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2020 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari (TNP)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' April 2019 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/615 <sup>(1)</sup>.
- (2) Fid-29 ta' Ġunju 2020 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/906 <sup>(2)</sup>, li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2019/615.
- (3) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/615 tipprevedi perijodu ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar, li jibda fid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) tagħha, għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha ("il-perijodu ta' implimentazzjoni").
- (4) L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA) talab estensjoni addizzjonali tal-perijodu ta' implimentazzjoni sal-15 ta' Ottubru 2021 minħabba l-kriżi dinjija tal-COVID-19 u s-sospensjoni temporanja tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/615.
- (5) L-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/615 jistgħu jitkomplew sal-15 ta' Ottubru 2021 mingħajr ebda konsegwenza fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/615 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/615, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-15 ta' Ottubru 2021."

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2021.

Għall-Kunsill  
Il-President  
A. P. ZACARIAS

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/615 tal-15 ta' April 2019 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet li jwasslu għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2020 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari (TNP) (ĠU L 105, 16.4.2019, p. 25).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/906 tad-29 ta' Ġunju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/615 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet li jwasslu għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2020 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari (TNP) (ĠU L 207, 30.6.2020, p. 36).